MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 448/2009

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni**

**Vs**

**Joseph Sant**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti Joseph Sant fl-atti tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru 2009, intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra ufficjali ggib l-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Nterni kontra Joseph Sant u f'liema rikors Joseph Sant qieghed jopponi ghall-hlas tal-ammont pretiz fl-ittra ufficjali fuq msemmija peress illi hija preskritta a tenur tal-artikolu 2149 tal-Kap. 16.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal l-ammont pretiz mhux dovut stante li l-valur dikjarat fuq il-

kuntratt ta’ trasferiment kien reali u gust kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Ghalhekk ir-rikorrent talab li tichad it-talba kontenenti fl-ittra ufficjali tal-4 ta’ Novembru 2009, stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni datata 5 ta’ Marzu 2010 fejn ikkontenda li l-allegazzjoni u l-pretenzjoni tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni huwa korrett u dovut fl-intier tieghu.

Illi l-azzjoni tal-esponent ghal gbir tat-taxxa mhijiex preskritta, kif qed jallega r-rikorrent fir-rikors promotur kif ukoll illi peress illi t-tieni lment tar-rikorrent fejn qed jintqal illi l-valur dikjarat mir-rikorrent kien il-valur reali, il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni huwa tal-umili fehma li l-Qorti mhix vestita bil-kompetenza biex tissendika l-qauntum tat-taxxa dovuta u r-rikorrent fi stadju ta’ gbir ta’ likwidazzjoni li ormai hija fi stat finali u konklussiva.

Rat illi fit-2 ta’ Gunju, 2010, il-Qorti kienet informata li l-partijiet kienu qed jippruvaw jitransigu u dan jidher illi baqa’ hekk ghas-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2010 u 25 ta’ Jannar 2011 fejn il-kawza imbaghad giet differita ghall-provi. Fis-6 t’April, 2011, il-Qorti ghal darb’ohra regghet giet informata li hemm probabbilita ta’ transazzjoni, izda fit-8 ta’ Gunju 2011 ghal darb’ohra regghet giet informata li mhemmx transazzjoni. Fl-20 ta’ Gunju, 2011 il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni nforma l-Qorti li t-transazzjoni ma kienetx sehhet u li kien ser jistrieh fuq il-provi li kien ipprezentat quddiem il-Qorti.

Il-Qorti ddikjarat ukoll illi la darba r-rikorrent Joseph Sant qatt ma deher quddiemha salv ghall-ewwel seduta tat-2 ta’ Gunju 2010, il-Qorti ghalhekk qiset li l-provi rikorrenti kienu maghluqin u tat zmien lir-rikorrenti u lill-intimati Kummissarju tat-Taxxi Nterni sabiex jaghmlu n-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom.

Rat illi fit-22 ta’ Lulju 2011 saret nota ta’ riferenzi tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, izda r-rikorrent Joseph Sant qatt ma pprezenta ebda tip ta’ sottomissjoni quddiem din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

L-ittra ufficjali mertu tal-kawza odjerna hija esebita a fol 2 tal-process, kienet ipprezentata fl-4 ta’ Novembru, 2009 u fiha l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghall-fini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta nnotifika lill-Joseph Sant bl-anness dikjarazzjoni guramentat maghmul mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fejn ikkonferma bil-gurament li l-Gvern ta’ Malta kif rapprezentat minnu huwa kreditur ta’ Joseph Sant ta’ elfejn, sitt mija tmienja u sebghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2,678.78) bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta’ taxxa fuq dokument u trasferiment a terminu tal-artikolu 60 tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta’ Malta rigwardanti bejgh tal-Maisonette numru 1, Triq Guzeppi Xuereb, Swatar, l/o Birkirkara li sar fit-22 ta’ Gunju 2005.

Rat illi abbazi tad-dokumentazzjoni pprezentata mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni jirrizulta li fil-5 ta’ Lulju 2005, id-dipartiment tat-Taxxi Nterni kien ircieva avviz fejn gie nfurmat illi t-terran bl-isem ta’ Illuminati gewwa Triq Guzeppi Xuereb, Swatar kien inbiegh fit-22 ta’ Gunju 2005.

Fl-24 ta’ Marzu, 2006 il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni hareg avviz ta’ likwidazzjoni ghall-ammont elfejn, sitt mija u tmienja u sebghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2,678.78), rapprezentanti taxxa addizzjonali dovuta minnu fuq dan it-trasferiment.

L-istess ittra tkompli tipprovdi illi s-sur Joseph Sant kellu opportunita illi jhallas ammont ridott tal-istess ammont hekk likwidat li jvarja minn ghaxra fil-mija tal-istess ammont kieku hallas fi zmien disghin (90) gurnata mill-kont sal-ammont kollu dovut kieku hallas wara tlett mija u tletin gurnata illi nhareg il-kont.  Tali avviz jipprovdi wkoll illi kieku ried jikkontesta dan l-ammont jew jirrevedih kellu

jaghmel oggezzjoni fi zmien tletin (30) gurnata min-notifika tal-avvizipprezentat. Dan l-avviz intbaghat fl-indirizz indikat mill-istess Joseph Sant fid-dokument ipprezentat lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ossia fl-indirizz Block 1, Flat 1, Gheriexen Street, Rabat u ntbaghat fl-24 ta' Marzu, 2006.

Wara tali data ntbaghatu diversi reminders ohra lill-istess Joseph Sant. Dana fl-24 ta' Marzu, 2006, fid-9 ta' Gunju, 2006, fis-27 ta' Lulju, 2006 u fid-19 ta' Settembru, 2006. Fl-1 ta' Novembru 2006 intbaghatet avviz ghall-hlas ulterjuri, din id-darba f'indirizz iehor ossia, 44, Suijohn, Flat 3, Triq il-Fidloqqom, Rabat. Ghandu jinghad illi l-indirizz tal-ahhar ittra datata l-1 ta' Novembru, 2006 intbaghatet fl-istess indirizz indikat mir-rikorrent bhala l-indirizz tieghu.

Minkejja tali avvizi varji r-rikorrent Joseph Sant qatt ma jidher illi ghamel oggezzjoni jew appella mill-likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u ghalhekk skont l-artikolu 60 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni qieghed jikkontendi li t-Taxxa hija wahda finali.

Harsa lejn l-artikolu 60 tal-Kap 364 juri illi dina tghid illi meta ma tkun saret ebda oggezzjoni jew appell validu kontra l-likwidazzjoni, jew meta l-ammont tat-taxxa li jkun gie miftiehem, jew meta l-ammont tat-taxxa addizzjonali jithallas skont l-artikolu 52 tal-Att, jew meta l-appell jkun irtirat jew cedut, jew inkella meta l-ammont ta taxxa gie stabbilit wara oggezzjoni jew appell, il-likwidazzjoni kif maghmulha tkun finali u konklussiva.

Skont l-artikolu 56(1) tal-istess Kap 364, jekk xi persuna notifikata jew tintlaqat b'avviz ta' likwidazzjoni, tkun tixtieq tikkontesta dik il-likwidazzjoni, hi tista' tapplika ghand il-Kummissarju ghar-revoka jew revizjoni taghha b'avviz ta oggezzjoni bil-miktub li jispecifika r-ragunijiet ghall-oggezzjoni tal-likwidazzjoni u li jsir fi zmien tletin (30) gurnata mid-data tan-notifika tal-avviz msemmi qabel.

Jirrizulta mid-dokumentazzjoni pprezentat mil-Kummissarju tat-Taxxi Nterni li ghalkemm kienu baghatu diversi sejhiet ghall-hlas wara n-notifika tal-likwidazzjoni tal-24 ta’ Marzu 2006, jirrizulta li attwalment kienet is-sejha addizzjonali ghall-hlas tal-1 ta’ Novemnbru 2006 fejn l-ittra intbaghatet fl-indirizz li r-rikorrent qed jaghmel ghalih bhala l-indirizz tieghu fir-rikors promotur, ossia 44, Suijon, Flat 3, Triq il-Fidloqqom, Rabat u dan peress li l-korrispondenza ta’ qabel kollha ntbaghatet Block 1, Flat 1, Gheriexen Street, Rabat.

Ghalkemm il-Qorti mhijiex provduta bi provi dwar notifiki o meno tal-ittri hawn fuq indikati, in vista tal-fatt li r-rikorrent qatt ma deher biex jipprovdi l-provi tieghu u qatt ma xehed u/jew ipproduca xi tip ta’ provi biex jikkorrabora l-allegazzjonijiet tieghu, il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq id-dokumenti li ghandha quddiema.

Ghalhekk qeghda tqis li r-rikorrent, Joseph Sant, gie avzat bin-notifika ta’ likwidazzjoni fl-1 ta’ Novembru 2006 jew fi ftit jiem wara peress illi din hija l-ewwel ittra li ntbaghatet fl-indirizz indikat mir-rikorrent stess fl-att promotorju bhala l-indirizz tieghu.

Dan qed jinghad peress illi ir-rikors odjern li qed tiddeciedi dwaru din il-Qorti, gie intavolat quddiemha fit-13 ta’ Novembru, 2009, ossia tlett snin wara illi inharget tali ittra.

Il-Qorti tifhem ukoll illi dejjem abbazi tal-fatt li ma ngiebetx prova kontrarja min-naha tar-rikorrenti, ir-rikorrent qatt ma appella minn tali likwidazzjoni a tenur tal-artikolu 56 tal-Kap 364 u ghalhekk tali likwidazzjoni ghandha titqies bhala likwidazzjoni finali a tenur tal-artikolu 60 tal-istess Kap 364.

Il-Qorti ghalhekk kif eccepixxa l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni mhijiex kompetenti sabiex tiddeciedi dwar jekk l-ammont pretiz huwiex dovut jew le peress illi mhijiex fil-kompetenza taghha la darba r-rikorrent naqas milli juzufruwixxi mill-possibilitajiet moghtija lilu mil-Ligi sabiex jikkontendi l-kont mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tqis l-ewwel ilment da parti tar-rikorrent, ossia li t-talba maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-azzjonijiet hemm indikati huma maghluqa b'gheluq ta' sentejn.

Harsa madanakollu lejn l-artikolu 2149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta juri li minn imkien ma jirrizulta illi l-azzjoni maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni hija wahda mill-azzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 2149 illi preskrivibbli mill-gheluq ta' sentejn.

Min-naha l-ohra l-Qorti tinnota illi l-artikolu 2156 tal-istess Kap. 16 jipprovdi preskrizzjoni ta' hames snin ghal diveri azzjonijiet fosthom artikolu (g) ghal azzjonijiet ta' Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra.

Ghalhekk jidher illi l-preskrizzjoni li wiehed jista' jikkontendi f'kaz ta' taxxi dovuti lill-Gvern hija dik ta' hames snin skont l-artikolu 2156 u certament mhux dik ta' sentejn ikkontemplata fl-artikoli 2149 li ghalih ghamel riferenza ir-rikorrent Sant.

Jirrizulta li l-ittra ufficjali giet intavolata fl-4 ta' Novembru 2009 filwaqt illi l-bejgh sar fit-22 ta' Gunju 2005 u ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kellu sat-22 ta' Gunju 2010 biex imexxi sabiex jigbor it-taxxa dovuta lilu. La darba jirrizulta li l-ittra ufficjali giet intavolata fl-4 ta' Novembru 2009, ghalhekk jirrizulta wkoll illi tali ittra u tali talba saret fil-perjodu moghti lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni sabiex jigbor dak dovut lilu u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tapplika peress li tali azzjoni certament mhijiex preskritta.

## Konkluzjoni

Il-Qorti wara li rat id-dokumentazzjoni pprovduta mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, wara illi rat illi r-rikorrent qatt ma resaq sabiex jipproduci xhieda jew provi dokumentarji biex jikkorroboraw l-allegazzjonijiet tieghu,

wara illi rat il-Kap. 364 kif ukoll il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u tichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------